MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1233/2003/1

**Anthony Pirotta u martu Doris Pirotta**

**v.**

**Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet u Mario Tabone bhala Chairman u in rapprezentanza ta' Heritage Malta**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta’ Novembru 2002, l-atturi ppremettew illi l-attur Anthony Pirotta huwa impjegat mad-Dipartiment tal-Muzewijiet u Heritage Malta bhala *senior tradesman* u fil-kors tax-xoghol tieghu huwa gie inkarigat sabiex jaghmel xoghol ta’ *maintenance* fuq il-bieb ta’ barra tal-War Museum, St. Elmo, Valletta; illi waqt li l-attur kien qed jaghmel dan ix-xoghol kellu jitla’ fuq sellum forci minghajr ma kellu assistenza jew ghajnuna ta’ xi hadd; illi fil-kors ta’ dan ix-xoghol gara illi dan l-istess bieb infetah ghal gharrieda b’mod illi laqat is-sellum fejn kien qieghed l-attur u l-attur waqa’ minn fuq dan is-sellum u b’rizultat ta’ dan huwa garrab griehi serji u kellu jittiehed l-isptar; illi b’rizultat ta’ dan l-incident l-attur sofra dizabilita` fizika ta’ natura permanenti u sahansitra anke dam erba’ gimghat l-isptar; illi dan l-incident gara unikament tort tal-konvenuti minhabba li dawn naqsu milli jipprovdu *a safe place of work* u *safe system of work* u bhala *employers* naqsu milli jipprovdu apparat xieraq u assistenza u *training* adatti sabiex jigi accertat li l-attur ikun jista’ jahdem b’mod *safe* u f’ambjent *safe*; illi l-konvenuti interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti permezz ta’ ittra ufficjali tad-9 ta’ Settembru 2003, baqghu inadempjenti. Dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti

"1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li sehh fit-13 ta’ Awissu 2002; u

"2.  Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur; u

"3.  Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti komprizi dawk ta’ ittra uffficjali tad-9 ta’ Settembru 2003 liema konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

B’nota pprezentata fit-23 ta’ Dicembru 2003, il-konvenuti eccepew:

Illi preliminarjament il-konvenut Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet illum m’ghadux jezisti, u l-konvenut l-iehor

qieghed jiddikjara li qed jassumi l-atti minfloku ghall-fini ta' din il-kawza.

Illi fil-mertu, l-esponenti m'humiex responsabbli ghad-danni rizultanti minn dan l-incident minhabba li mill-fatti kif ser jirrizultaw waqt il-gbir tal-provi u trattazzjoni tal-kaz, jidher li kien hemm certa traskuragni min-naha ta' l-attur Anthony Pirotta li kienet il-kawza ta' l-incident mertu ta' dawn il-proceduri.

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Novembru 2003, kontra l-atturi li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

**Is-sentenza appellata:**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fil-31 ta' Mejju, 2006 bil-mod segwenti:
*"Ghal dawn il-motivi*

*Il-Qorti tiddeciedi*

*Billi issib lill attur u lil Heritage Malta it-tnejn responsabbili ghall-incident,*

*l-attur kwantu ghal terz, u Heritage Malta zewg terzi mir-responsabilita`'.*

*Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000);*

*Tikkundanna lill-konvenuti Heritage Malta sabiex ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata.*

*Spejjez skond ir-rispettivi rebh u telf.*

*Bl-imghax mid-data tas-sentenza."*

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**“TALBA U ECCEZZJONIJIET**

“L-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbili ghall incident li sehh fit-13 ta’ Awissu 2002 li fih korra u li jigu likwidati u mhallas lilu d-danni li hu sofra.  Illi l-konvenuti qed jeccepixxu li m’humiex responsabbli ghal incident minhabba li dak li gara kien bi traskuragni ta’ l-attur.

“L-attur hu mpjegat mad-Dipartiment tal-Muzewijiet illum Heritage Malta bhala *senior tradesman* u fid-data ta’ l-incident kien qed jaghmel xoghol ta’ maintenance fuq il-bieb ta’ barra tal-War Museum, St Elmo, Valletta.

**“KONTESTAZZJONI**

“L-attur qed jissottometti li l-incident gara ghax il-konvenuti ma pprovdewlux *a safe place of work u a safe system of work* u li kien qed jaghmel xoghol fuq sellum forci minghajr ma kellu assistenza jew ghajnuna ta’ xi hadd.

“Il-konvenuti jsostnu li l-punt principali li trid tiddeciedi l-Qorti hu kif sehh l-incident u ta’ min kien it-tort u mhux l-allegat nuqqas ta’ safety equipment. Huma jirritjenu li l-incident gara ghax l-attur ma hax prekawzjonijiet bizzejjed biex jassigura li l-bieba l-miftuha tal-bieb li kien qed jahdem fuqu ma tinghalaqx bir-rih. Il-konvenuti jikkontendu li l-attur ma poggiex piz bizzejjed biex izomm il-bieb milli jinghalaq bir-rih (li kien ilu ghaddej minn filghodu) u dan wassal biex il-bieb jinghalaq ghal fuqu meta kien qieghed fuq is-sellum. Inoltre l-attur ma talabx l-ghajnuna ta’ xi hadd biex izommlu s-sellum. Skond l-konvenuti ghalhekk l-incident gara minhabba traskuragni min-naha ta’ l-attur.

**“Kif gara l-incident**

“L-attur iddeskriva l-incident hekk (u dana ma giex kontestat)

“Dak in-nhar ta’ l-incident kien qed jirrestawra l-bieb tal-War Museum li kien gholi madwar zewg metri, qed jaghtih

il-filler wara li kien lesta certu xogholijiet fuq il-bieb qabel. Il-bieb kien maqsum fi tlett bicciet, z-zewg bicciet tal-genb kienu fissi filwaqt li tan-nofs kien jinfetah u jinghalaq. Dan kien l-uniku bieb li minnu n-nies kellhom access ghall-muzew u Michael Straud kien avzahom biex waqt xogholhom ma joholqux periku lin-nies. Dak in-nhar ir-rih kien qed jonfoh fid-direzzjoni tal-bieb, li seta' jinstabat fuq in-nies, u ghalhekk pogga cangun tas-sitta wara l-bieb biex ma jinstabatx. Kien qed jahdem fuq wiehed mill-bibien fissi fuq sellum forci tal-hadid u kien ilu xi siegha jahdem fuq is-sellum, meta f'daqqa nefah ir-rih u tajjar il-bieb tan-nofs ghal fuq is-sellum. Kienet ghamlet qisha tromba u gie r-rih kontra u tefa' l-bieb gos-sellum. F'dak il-mument kien niezel minn fuq is-sellum, minn fuq l-iskaluna ta' fuq ghat-tieni wahda, meta waqa' u beda jghajjat ghal ghajjut. Hu ma setax jiccaqlaq u staqsa ghal ambulanza, u ttiehed l-isptar.

**"Mhux kaz fortuwitu**

"Il-konvenuti, fin-nota responsiva taghhom, ssottomettew illi l-Qorti trid tiddeciedi jekk l-incident sarx minhabba agir jew nuqqas ta' agir da parti ta' l-attur jew minhabba forza naturali.

"Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna " 'il-forza magguri' hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri 'kaz fortuwitu' huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza" (**Delia v. Segretarju Permanent et, Appell (Inferjuri)19/05/2004 u Borg Falzon v. Darmanin, Appell Kumm. 7/06/1940**), kif ukoll "*il caso fortuito o la forza maggiore e' l'evento non dipendente da azione o omissione volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile*" (**Azzopardi v. Arcicovich et, Appell Civili, 14/11/1919, Vol. XXIV, PI, p.172**). Biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event imprevedibbli u inevitabbli. It-test ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` o meno ta' l-event huwa dak tad-diligenza tal-'bonus pater familias' fejn in-nuqqas taghha jirrizulta f'colpa (**Kurunell Hugh v. Negte Busuttil, Appell Kummercjali, 16/11/1942**). Jekk jirrizulta mill-fatti li kien hemm

konkorrenza ta’ agir pozittiv jew negattiv tal-persuna allura l-event ma jibqax jinghad li kien kaz fortuwitu (**App.Inf. Falzon vs Formosa 4/12/1991**).

“Fil-kaz odjern ma jistax jinghad illi l-incident sehh minhabba xi forza magguri ghaliex il-bieb seta’ bi ftit hsieb jinzamm miz-zewg nahat milli jinstabat. Hekk ukoll ma jistax jinghad li kien kaz fortuiwitu li l-bieb jinstabat bir-rih qawwi ghax dan kien prevedibbli. Fil-fatt ir-rih kien ilu ghadejj minn filghodu. Ghalhekk kemm l-incident kif ukoll li ma jinstabatx il-bieb setghu jigu evitati bi ftit attenzjoni.

“Il-konvenuti jirritjenu li l-incident gara ghax l-attur ma hax prekawzjonijiet bizzejjed biex jassigura li l-bieba miftuha tal-bieb li kien qed jahdem fuqu ma tinghalaqx bir-rih. Skond huma l-incident ma sehhx ghax l-attur ma kienx libes safety shoes imma ghax ma poggiex oggett biex izomm il-bieb miz-zewg nahat tieghu, biex ma jinghalaqx. Il-fatt li ma kellux safety shoes, jew helmet jeffettwa biss kemm wegga' l-attur, izda mhux relatat mal-kawza ta’ l-incident.

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dakinhar ta’ l-incident kien rih qawwi u l-attur kien jaf b’dana tant li qieghed cangun tas-sitta wara l-bieb biex dan ma jinstabatx fid-direzzjoni li r-rih kien ghaddej. Izda jidher li l-attur ha hsieb biss li l-bieb ma jinstabatx lejn fejn kien qed jonfoh ir-rih u naqas li jiehu hsieb ukoll li l-bieb ma jinghalaqx fid-direzzjoni opposta cjoe` fejn kien qed jahdem hu. Kien prevedibbili li bir-rih li kien hemm il-bieb seta' jinstabat kemm minn naha kif ukoll mill-ohra billi r-rih mhux il-hin kollhu direzzjoni wahda. Ghalhekk kif l-attur pogga cangun fuq naha wahda tal-bieb messu ukoll ha hsieb li l-bieb ikun mizmum min-naha l-ohra.

“Il-Qorti taqbel biss sa certu punt mas-sottomissjoni tal-konvenuti li kien hemm dan in-nuqqas da parti ta’ l-attur. Il-Qorti pero` hi tal-fehma li kien hemm ukoll tort attribwibbli lill-konvenuti kif ser naraw.

“Il-konvenuti jirritjenu li l-attur naqas ukoll meta ma talabx l-ghajnuna meta kien qed jahdem fuq is-sellum, u dan kif kellu struzzjonijiet li jaghmel minn Michael Stroud.

“Dwar dana l-attur xehed li dak in-nhar ta’ l-incident hu kellu ghajnuna ta’ persuna ohra izda dan ma kienx il-hin kollu mieghu ghax kellu xoghol iehor tieghu x’jaghmel. Hu kien jghajjat lil dina l-persuna meta kien ikun ser jitla’ fuq is-sellum biex jghinu izda dan beda jittawwallu u jitlaq ghax kellu xoghol urgenti u mbaghad meta tela’ fuq is-sellum ma regax ghajjatlu.

“Angelo Briffa li kellu jghin lill-attur xehed li l-attur kien dejjem jahdem wahdu izda meta kien ikun jista kien imur jghinu u jnewwillu l-ghodda.  Gieli zammlu s-sellum izda ma kienx dover tieghu li jaghmel hekk ghax kien ikollu xoghol iehor fil-muzew.  Dak in-nhar l-attur ma ghajjatlux biex jghinu u lanqas hu ma kien obbligat li jghinu.  Hu kien jassisti lill-attur meta ma kienx ikollu xoghol iehor. L-attur kien qieghed jahdem wahdu ghax kienu short staffed.

“Joseph Tedesco ikkonferma li l-attur kien ilu xi hmistax jahdem fuq il-bieb qabel ma gara l-incident u kien jahdem fuqu wahdu minghajr assistenza. Qal li ma kien hemm hadd inkarigat li jzomm is-sellum lill attur izda gieli kien izommulu Anglu Briffa.

“Michael Stroud xehed li ma deherlux li Angelo Briffa kien qed jaghmel xi xoghol tant urgenti li ma setax assolutament jitlaq minn idu biex izomm is-sellum lill-attur. Zied jghid li jekk kien hemm xi hadd jahdem fuq is-sellum dan suppost ried ikollu lill xi hadd izommlu. Hu jghid li dakinhar ta’ l-incident ma kienux short staffed peress illi fil-Muzew tal-Gwerra kien hemm tnejn min-nies jahdmu fuq xoghol ta’ manuntenzjoni u dakinhar it-tnejn irrappurtaw ghax-xoghol.

“Mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm struzzjonijiet specifici biex Briffa jghin lill attur kull darba li dan kien qieghed fuq is-sellum. L-attur kien qed jahdem minghajr assistenza u ma kien hemm hadd inkarigat li jzommlu is-sellum. Kull ma qal Michael Stroud kien li Briffa fil-gurnata

ta' l-incident kien jinsab fuq il-post tax-xoghol u taha x'jifhem illi allura Briffa kellu awtomatikament imur jghin lill-attur. Ma kien hemm ebda struzzjonijiet specifici lill Briffa li hu kellu jmur jassisti lill-attur fir-restawrar tal-bieb jew izomm is-sellum meta l-attur jitla' fuqu. L-istruzzjonijiet moghtija minn min ihaddem iridu jkunu cari u spjegati u mhux vagi u in arja.

“Il-Qorti hi tal-fehma li kien hemm nuqqas da parti tal-konvenuti li ma pprovvdewx assistenza adekwata lill attur biex ikun jista' jahdem minghajr perikolu. Jirrizulta li Briffa ma kienx imqabbad bhala xoghol biex jassisti lill-attur fix-xoghol li kien qed jaghmel izda l-konvenuti kienu qeghdin jippruvaw jiddubbaw billi apparti x-xoghol principali li kellu Briffa, ippretendew li dana jmur jassisti lill-attur meta jkollu bzonnu. Da parti ta' l-attur ghalkemm seta' jitlob l-ghajnuna ta' Briffa, hu ma kienx f'posizzjoni li joqghod isejjah lill Briffa x'hin jiftillu biex jassistih ha jzommulu l-affarijiet jew inewwilhomlu jew jippretendi li Briffa jitlaq kull darba x-xoghol li jkollu f'idejn. Briffa semma li xogholu kien mal-kimika u mhux li kemm taqbad u titlaq hekk kif tissejjah. Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li f'dan ir-rigward kien hemm nuqqas da parti tal-konvenuti li ma pprovvdewx lill-attur b'assistenza adegwata meta kien qed jaghmel ix-xoghol li gie mqabbad.

“L-istess jista' jinghad ghal dak li jirrigwarda s-safety. L-attur xehed li kemm kien ilu jahdem hemm qatt ma offrewlu lbies u apparat biex jahdem f'sigurta`. Kien talabhom *safety shoes* izda ma nghatalux ghax ma kienux jaghmlu s-size tieghu peress li kellu size zghir. Xi sena qabel kienu diga` avvicinawh biex jirrestawra dan il-bieb izda qalilhom illi biex jaghmel dak ix-xoghol kellu bzonn *scaffolding* tat-tip li jkun jista' jahdem fuqu bil-bieb miftuh izda Michael Straud kien qallu illi ma kienux ser igibulu *scaffolding* ta' dak it-tip u qallu biex jahdem kif jista'. Kien beda jahdem b'sellum gdid li kien twil u b'sahhtu izda ftit wara li beda juzah, Michael Straud hadulu ghax qal illi kellhom bzonnu l-armerija. Darba kien qed jobrox il-bieb u t-trab beda diehel f'ghajnejh. Talab lil Tedesco biex jistaqsi lil Michael Straud jipprovdilu nuccali specjali ghal dan ix-xoghol izda dana qatt ma inghatalu u Tedesco

qallu biex imur jaghzel wiehed ghax kien ser jixtrihulu hu ghax in-nuccali ma kien ser jasal qatt.

“Dwar safety Angelo Briffa xehed li dak iz-zmien ma kienux jigu provduti helmets jew zraben. Ma kellhomx harness u lanqas kienu hadu korsijiet dwar safety.

“Joseph Tedesco xehed li l-attur kellu *goggles* biss ghal ghajnejn bhala *safety equipment*. Ma kellux safety boots, harness jew helmet. Ma kien hemm la training fuq *safety procedure* u affarijiet simili u lanqas korsijiet. Recentement beda jsir xi haga. Gie Safety Officer biex jispezzjona u jaghmel rapport.

“Il-konvenuti jirritjenu li l-kwistjoni tas-*safety equipment* ma kienitx il-kawza ta’ l-incident imma l-agir taskurat ta’ l-attur. Skond huma jirrizulta li l-attur kellu *safety equipment*, kellu *safety goggles* u kellu sellum tajjeb ghax-xoghol. Dwar safety shoes Michael Stroud jghid li ma jiftakarx li kien hemm xi problema rigward is-size. Kull impjegat tas-sengha u dawk teknici kienu jinghataw dik l-ghodda u dak is-*safety equipment* li kienu jehtiegu. Hekk per ezempju Angelo Briffa inghata *safety gloves* ghax kien jahdem fil-*workshop* mal-kimika. Dwar *scaffolding* u *harness* ix-xhud qal li lill-attur kien tah struzzjonijiet biex jahdem fuq il-bieb safejn jilhaq u safejn jista' bla ma jesagera. Stroud xehed li s-*safety procedures* li hu jishaq fuqhom huma li min ikun qed jahdem ma jpoggix lil haddiehor fil-periklu. Kien javza lill haddiema biex joqghodu attenti u kien jistenna li l-haddiema jghidulu x’ghandhom bzonn.

“L-Art. 2 (2) (a) u (b) ta’ l-Att Nru. VII ta’ l-1994[1] jghid illi huwa d-dmir ta’ min ihaddem li jizgura li l-post fejn isir x-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn periklu li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita` fiziia u psikologika tal-haddiema u li huwa dmir ukoll ta’ min ihaddem li jizgura li kull process ta’ xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u

[1] Att biex Jippromwovi s-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol

minn kull periklu li jista’ jigi evitat ghal inkolumita` fizika u psikologika tal-haddiema impjegati minnu.

“Huwa obbligu ta’ min ihaddem li jara li jipprovdi ambjent fejn ikun hemm is-sigurta` ghas-sahha tal-haddiema li jhaddem. Min ihaddem ghandu l-obbligu li jipprovdi supervizjoni kemm ta’ l-impjegati kif ukoll tax-xoghlijiet li jkunu qed isiru. Ghandu jipprovdi wkoll struzzjonijiet dwar kif ghandu jigi ezegwit ix-xoghol. L-istandard of care li ghandu jkollu min ikun qed ihaddem huwa dak ta’ bonus pater familias. (**Degiorgio vs Falzon PA 14/10/04 u Cini vs Wells PA 29/5/01**).

“Huwa l-obbligu ta’ min ihaddem li jipprovdi lill-haddiema tieghu mezzi adegwati biex jaghmlu xogholhom f’sigurta` u f’ambjent hieles mill-mard u mill-perikoli. Min ihaddem ghandu jipprovdi lill-haddiema it-taghmir kollu protettiv biex ikun jista’ jaghmel xogholu bl-ahjar mod u minghajr perikolu (**Barbara v. Mizzi et, Prim’Awla, 04/10/2002**).

“Jirrizulta mill-provi prodotti li l-post tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur ma kienx wiehed fejn kien hemm *a safe system of work*. Kull ma kellu l-attur bhala safety kien *goggles* ghal meta ikun qed jahraq il-bieb. La kien inghata *training* fuq *safety procedure* u lanqas korsijiet.

“Fix-xhieda tieghu Stroud ikkonferma li l-attur kien staqsih ghal *safety boots* u kien baghtu l-istore izda ma kienx jaf jekk fil-fatt l-attur kienx inghata *safety boots*. Fil-Muzew ma kienx hemm harness u lanqas *helmet*. Stroud xehed li l-haddiema soltu jistaqsu ghal *safety equipment,* izda fil-fatt skond il-ligi, hu dover ta’ min ihaddem li jara li ikun hemm disponibbli appart ta’ *safety* ghal haddiema, u li ghandu jara li x-xoghol ma jsirx minghajr safety equipment u li dina l-ordni tigi esegwita (ara App. Krim Inf. Pul vs Attard 2/9/1999).

“Barra s-*safety equipment* illi haddiem ghandu jkun mghammar bih, min ihaddem huwa fid-dover ukoll illi jipprovdi l-ghodda u l-attrezzatura mehtiega kollha biex ix-xoghol ordnat ikun jista’ isir bla perikolu. L-attur xehed li kien talab ghal *scaffolding* biex isir ir-restawr tal-bieb izda

dan ma kienx inghatalu u Stroud kien qallu biex jahdem bis-sellum u biex ma jitlax fuq l-ahhar skaluna. Jidher illi ghalhekk l-attur kien qieghed jahdem bl-attrezzi li kienu disponibbli ghalih fil-post. Ma kienx disponibbli *scaffolding* biex jaghmel ir-restawr tal-bieb imma l-attur inghata biss sellum hafif ta' l-aluminium li certament ma kienx adegwat biex isiru x-xogholijiet li kien qed jaghmel. Michael Stroud jghid li ma kienx il-kompitu tieghu li jiccekkja jekk is-sellum kienx b'sahhtu bizzejjed izda skond hu kien il-kompitu ta' l-attur li kien persuna tas-sengha. Fil-kawza fl-ismijiet **Busuttil v. Meilaq et, (PA 9/12/2002)** il-Qorti rriteniet li "Kien l-obbligu ta' kull min ihaddem illi perjodikament jivverifika l-kondizzjoni ta' l-attrezzi u l-makkinarju tax-xoghol li bih l-impjegati jkunu mistennija li jahdmu". Ghalhekk fil-fatt kien kompitu tal-konvenuti li jaraw li s-sellum moghti lill-attur kien b'sahhtu bizzejjed ghax xoghol li kien qed jaghmel.

"Michael Stroud jghid illi kien jistenna li l-haddiema jirrifjutaw li jahdmu jekk ma kellhomx is-*safety equipment* izda dan l-atteggament fir-realta` zgur mhux mistenni mill-haddiem.

**"Konkluzzjoni**

"Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-incident in kwistjoni gara meta r-rih caqlaq wiehed mill-bibien miftuhin fejn kien qed jahdem l-attur fuq sellum li waqghu bis-sellum b'kollox. L-attur kien qieghed cangun mal-bieb minn naha wahda biex ma jinstabatx bir-rih izda naqas li jqieghed piz in-naha l-ohra biex il-bieb ma jinstabtx fuqu jekk ir-rih jonfoh minn direzzjoni opposta. Il-Qorti pero` hi tal-fehma ukoll li kien hemm fatturi ohra, apparti dana n-nuqqas ta' l-attur, li setghu jipprevjenu milli jissucciedi dana l-incident. Jirrizulta sufficjentement pruvat illi l-konvenuti naqsu li jipprovdu '*a safe system of work*' ghar-rigward tax-xoghol li kien qed jaghmel l-attur meta sehh l-incident inkwistjoni. In effetti, s-socjeta` konvenuta setghet ragonevolment ipprovdiet, li fic-cirkostanzi li kien qieghed isir ix-xoghol mill-attur, li kien fuq sellum mhux adegwat ghax-xoghol li kien qed jaghmel u li ma kellux taghmir ta' sigurta`, l-attur seta' facilment jaqa' u jkorri. Inoltre, kieku kien hemm

impjegat iehor addett ma' l-attur biex jghinu f'xogholu, il-periklu tar-riskju seta' gie ridott b'mod konsiderevoli. Ma jirrizultax illi l-konvenuti ppruvaw isibu xi alternattivi ghal kif seta' jsir ix-xoghol minghajr perikolu jew li jipprovdu montatura izjed b'sahhitha u li tiflah ghax xoghol li kien ser isir.

"Ghalhekk il-Qorti ssib lill-attur responsabbili ghal terz mit-tort ta' l-incident mentri lill konvenuti ghall zewg terzi.

**"Damnun Emergens**

"L-attur qed jitlob bhala *damnum emergens* Lm40 bhala drittijiet tal-professur, Lm2,300 ghal karozza li kellu jixtru minhabba d-dizabilita` permanenti tieghu u hlas tal-*jointed knee brace* ghal ammont ta' Lm10.98 (Total ta' Lm2350.98). Il-Qorti taqbel mal-konvenuti li l-ammont ta' Lm2,300 ghax-xiri ta' karozza mhux dovut billi ma hemmx rabta ta' dina l-ispiza ma' l-incident kif ukoll ghaliex biex issuq vettura bhal ma xtara l-attur hemm ukoll strapazz u l-biza' li jintlaqat f'riglejh jezisti kullimkien u mhux biss fuq xarabank.

**"Lucrum cessan.**

"Rigward **dizabilita` permanenti** l-espert mediku mahtur mill-Qorti kkonkluda li l-attur qed isofri minn dizabilita` permanenti ta' 9%.

"Rigward il-***Multiplier*** fid-data ta' l-incident l-attur kellu erbgha u hamsin sena u ghalhekk il-Qorti ser tapplika multiplier ta' 7 snin. Il-konvenuti jaqblu ma dana.

"Rigward il-***lucrum cessans*** jinghad li l-attur bhala senior tradesman kien jiehu paga ta' Lm5,046.75 fis-sena u bhala hawker/part-time Lm538 fis-sena u dan jammonta ghal Lm5,584.75. Ghalhekk l-introjtu ta' l-atturi a fini tal-komputazzjoni tad-danni qed jigi kalkolat fuq paga ta' Lm5,800 fis-sena meta tikkunsidra kollox kif ukoll l-awment li genererlament ikun hemm fil-futur.

“L-attur qed jippretendi li m’ghandu jkun hemm ebda riduzzjoni ghall lump sum payment. Illi dwar il-lump sum fil-kawza fl-ismijiet “**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe.” (P.A. (JSP)** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta’ Ottubru 1995) intqal:

*"“Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-‘lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorti ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha kif presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-‘lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data”.*

“Illi din ic-citazjzoni giet prezentata f’Novembru 2003 u ghalhekk ghadhom ma ghaddewx it-tlett snin, ghalhekk ghandu jkun hemm deduction ta’ 20 % fuq ammont dovut lil attur.

**"Kalkolu**

"Lm5,800 fis-sena ghall 7 snin jaghti rizultat ta’ Lm40,600;

"Bil-grad ta’ disabilita’ ta’ 9% li jaghtu Lm3,654

"Billi l-attur ser jiehu dan l-ammont bil-quddiem ghandhom jitnaqqsu 20% li jaghtu Lm2,923

"Billi l-attur ghandu jehel terz mir-responsabilita`, l-attur ghandu jiehu bhala *lucrum cessans* l-ammont ta’ Lm1,949

**"Riepilogu**

"Damnum Emergens Lm51

"Lucrum Cessans Lm1,949

"Total Lm2,000”

**L-appelli interposti.**

Minn din is-sentenza appellaw kemm il-konvenuti li intavolaw appella principali fid-19 ta’ Gunju 2006, kif ukoll l-attur li ressaq appella incidentali flimkien mar-risposta tieghu ghall-appell tal-konvenuti.

Fl-appell principali tal-konvenuti jidher li dawn qed jillimitaw l-ilmenti taghhom ghal mod kif giet apporzjonata r-responsabbilita` ghall-akkadut billi jsostnu li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta qasmet ir-responsabbilita` terz fuq l-attur u zewg terzi fuq il-konvenuti. Infatti l-istess appellanti, filwaqt li ma jsibu xejn aggravanti fil-mod kif gew likwidati d-danni, salv l-aggustamenti li ghandhom isiru jekk jintlaqa’ l-appell taghhom, isostnu li r-responsabbilita` kellha tigi apporzjonata nofs kull parti.

Da parti tieghu l-attur isostni li huwa ma ghandux jigi mizmum responsabbli ghall-akkadut billi dak li sehh kien kollu attribwibbli ghan-nuqqasijiet tal-konvenuti u konsegwentement qed jitlob li tigi revokata dik il-parti tas-sentenza fejn huwa gie akkollat b’terz mir-responsabbilita`. Inoltre l-attur isostni li d-danni, hekk kif likwidati mill-ewwel Qorti, huma ftit u dan ghar-ragunijiet moghtija fl-istess appell incidentali.

**Ikkunsidrat:**

Ghal dik li hija responsabbilita` jidher li l-konvenuti appellanti jisostni li din ghandha tinqasam bin-nofs bejn il-kontendenti billi l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tac-cirkostanzi tal-kaz. Dan qed jinghad billi huwa sottomess li:

a) kien hemm negligenza da parti ta' l-attur meta ma poggix kantun fuq iz-zewg nahat tal-bieb biex jevita li, kif fil-fatt gara, dan l-istess bieb jersaq fuq is-sellum u jwaqqghu,

b) billi l-attur naqas li jsejjah lill-impjegat iehor biex jzomlu s-sellum waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet, u

c) billi l-istess attur kien haddiem ta’ esperjenza u kien jaf jew kellu jkun jaf dak li kien mehtieg biex jigi evitat incident.

F’dan il-kuntest l-attur jissottometti li r-responsabbilita` ghandha tigi akkollata kollha kemm hi fuq il-konvenuti billi:
a) dawn ma ipprovdux *a safe system of work* u *a safe place of work*;

b) naqsu li jaghmlu s-sorveljanza mehtiega; u

c) hu ma setax jsejjah persuna ohra biex tassistih billi din kienet moghtija xoghol iehor x’taghmel.

**Ikkunsidrat:**

Minn qari akkurat ta' l-atti processwali din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni korretta tal-fatti li wasslu ghall-incident mertu tal-kawza u li l-konkluzjoni ta’ dik il-Qorti meta apporzjonat ir-responsabbilita` bil-mod kif ghamlet kienet decizjoni mhux biss gusta izda wkoll korretta.

Infatti jidher li l-konvenuti *qua employers* naqsu mill-obbligi taghhom li jipprovdu dawk il-mezzi necessarji biex x-xoghol intrapriz – xoghol ta’ restawr fuq bieb kbir tal-Muzew tal-Gwerra – fic-cirkostanzi ambjentali ezistenti – rih qawwi – jsir bid-debitu rispett lejn l-inkolumita` ta' l-istess haddiem. Xoghol bhal dan kien jirrikjedi mhux semplici sellum izda *scafolding* mhux biss ghax dan ix-xoghol kien qed isir fl-gholi izda billi ma kienx hemm persuni ohra “*available*” biex jassistu lill-attur u kien hemm dejjem il-possibilita` li l-bieb jiccaqlaq. Il-konvenuti naqsu wkoll meta ma pprovdewx supervizjoni adegwata fuq l-addetti ghax-xoghol taghhom biex jassikuraw li dak li kien qed isir kien qed isir b’mod tajjeb u bla perikolu ghall-istess impjegati.

Mill-banda l-ohra l-attur, bhala persuna intiza mix-xoghol minhabba l-esperjenza taghha in materja, kellu mhux biss id-dmir li jara li x-xoghol li ser jkun jaghmel jkun tajjeb izda kellu jassikura wkoll li l-mod ta’ ezekuzzjoni ta’ dak ix-

xoghol ikun tali li jnaqqas kemm jista' jkun il-perikolu ghalih. Dan pero` bl-ebda mod ma jnaqqas ir-responsabbilita` ta' l-*employer* li mhux biss jara li jkun hemm *a safe place of work* izda li jipprovdi dawk l-attrezzi mehtiega biex jassigura li jkun hemm *a safe system of work*. Jigri hafna drabi, f'cirkostanzi simili, li l-impjegat li jigi mqabbad jaghmel bicca xoghol ikollu jinqeda b'dak li jkollu a disposizzjoni tieghu u jkun ferm difficli li huwa jinsisti mal-*employer* biex jinghata l-attrezzi li titlob is-sengha. Ghalhekk din il-Qorti ma tara xejn hazin bil-mod kif iddecidiet l-ewwel Qorti fuq il-kwistjoni ta' responsabbilita` u konsegwentement fuq dan l-aspett biss kemm l-appell principali kif ukoll l-appell incidentali ser jigu michuda.

**Ikkunsidrat:**

Kif gja` nghad fl-appell incidentali tieghu l-attur ghamel diversi sottomissjonijiet dwar il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni hekk imsejha "*lucrum cessans*" billi qed isostni li l-ewwel Qorti akkordat zieda zghira wisq fis-salarju biex jigu milqugha l-effetti ta' l-inflazzjoni; inoltre qed isostni wkoll li t-tnaqqis minhabba l-fatt li l-ammont ser jithallas immedjatament "*lump sum payment deduction*" ma ghandux jkun il-massimu ta' 20% billi ghaddew diversi snin mid-data ta' l-incident ghal meta ser isir il-hlas.

Ghandu jinghad qabel xejn li din il-Qorti hija marbuta bit-talba kif proposta fl-appell li jigi intavolat quddiemha. Issa jigi osservat li l-attur wara li talab li din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenuti u tilqa' l-appell tieghu kompla hekk:
"*u konsegwentement tvarja s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fil-31 ta' Mejju 2006 billi thassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-attur gie mizmum responsabbli ghal terz tal-incident u minflok tilliberah mir-responsabbilita` u tiddikjara illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghall-incident u konsegwentement tilqa' t-talba tal-esponenti kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti u bl-ispejjez skond il-ligi.*"

Minn ezami ta’ dawn it-talbiet ma jidhirx li l-attur qed jitlob li tigi varjata s-somma likwidata bhala danni fil-konfront tieghu. Lanqas ma jista’ jinghad li r-riferenza ghat-talba “*kif dedotta fic-citazzjoni*” tista’ tagevola lill-attur billi hemm saret biss talba ghal kundanna hlas ta’ somma *da liquidarsi* u mhux somma fissa. Ghalhekk proprjament din il-Qorti ma tarax il-possibbilita` li tezamina u tvarja d-danni likwidati mill-ewwel Qorti fit-termini ta’ kif inhi impostata t-talba fl-appell incidentali. Dan premess din il-Qorti ma tara xejn hazin bil-mod kif waslet ghall-*quantum* l-ewwel Qorti u ghalhekk, anke minhabba din ir-raguni, l-appell incidentali, ghal dak li huma danni, ser jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija kemm l-appell principali kif ukoll l-appell incidentali qed jigu michuda, b’dana li kull parti tbati l-ispejjez taghha ghall-appell minnha intavolat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------